**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

### SEDUTA NRU. 12 - IL-ĦAMIS, 27 TA' ĠUNJU 2011

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-CHAIRPERSON**

2.1. Is-Sinj. Cuomo ippreżentat email tas-Sinj. Christine Baluci dwar il-konsultazzjoni pubblika min-naħa tal-MEPA għat-tibdil fil-Pjan Lokali partikularment f'Baħar iċ-Ċagħaq. Hija qed tressaq numru ta' oġġezzjonijiet.

2.2. Is-Sur Woods informa li kien attenda konferenza dwar 'Il-Belt Kulturali Ewropea 2018' li għaliha l-Kunsill Lokali kien ikkommetti li jipparteċipa. Huwa saħaq fl-importanza li anki bħala Kumitat Amministrattiv għandu jieħu inizjattiva jew jorganizza xi attività.

2.3. Is-Sur Woods ta rendikont tat-taħriġ li kien organizzat għall-membri tal-Kumitati Amministrattivi kollha mill-Kumitat ta' BIĊ. Filwaqt li s-sessjoni marret tajjeb ħafna kienet ħasra li l-uniċi li attendew kienu dawk ta' Baħar iċ-Ċagħaq u dawk ta' St Peters.

**3. SKEMA TA' FINANZJAMENT GĦAL PROĠETTI U INZJATTIVI**

3.1. Il-Kumitat qabel li għall-din l-iskema għandu japplika għal bdil ta' bankini fi Triq ir-Ridott, il-Lampara (partijiet), il-Fugassa, is-Sikka u Xambekk. Kien hemm qbil ukoll li possibilment issir applikazzjoni għall-finanzjament ta' dwal tat-toroq fi Triq Baħar iċ-Ċagħaq u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

**4. INIZJATTIVA SPORTIVA GĦALL-ĦARIFA**

4.1. Kien hemm qbil li għal Settembru għandhom ikunu organizzati żewġ sessjonijiet ta' Aerobics u tliet sessjonijiet ta' Pilates.

## 5. FESTA FAMILJA – IT-2 TA' AWWISSU

5.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet tkellmet ma' Fr Eddie dwar il-possibiltà li tkun organizzata Festa Familja għal Awwissu madanakollu huwa wera x-xewqa li għal din is-sena ma ssirx u titħalla għas-sena d-dieħla. Ir-raġuni ewlenija hija li, minħabba li għaddej ix-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza, hemm wisq trabijiet u ħmieġ relatat ma' kostruzzjoni. Il-Kumitat qabel li jsir hekk.

## 6. PROGRAMM GĦAT-TFAL GĦAS-SAJF

6.1. Fuq proposta tas-Sur Woods il-Kumitat qabel li jsir programm għas-sajf għat-tfal ta' bejn is-6 u t-13-il sena. Il-programm jismu COMMUNICATE u jħarreġ it-tfal kif jikkomunikaw aħjar. Dan għandu jibda fit-12 ta' Lulju u għalih kull parteċipant se jintalab ħlas ta' €10.

6.2. Kien hemm qbil li jkun ippreparat avviż malajr kemm jista' jkun u titqabbad kumpanija biex tqassmu. Is-Sur Woods kien diġà ippreparа abbozz tal-avviż.

## 7. KONSULTAZZJONI PUBBLIKA MILL-MEPA DWAR IT-TIBDIL FIL-PJAN LOKALI

7.1. Il-Kumitat iddiskuta l-proposti tat-tibdil fil-Pjan Lokali f'dak li kien jirrigwardja BIĊ. Kien hemm qbil li l-Kumitat m'għandux joġġezzjona għal dak kollu li kienu qed joġġezzjonaw numru ta' residenti minħabba li sakemm l-attivitajiet proposti ma jkunux ta' inkonvenjent, ma rax ġustifikazzjoni għaliex isiru ċertu oġġezzjonijiet.

7.2. Il-Kumitat però qabel li għandu joġġezzjona li jitħalla l-possibiltà li jkun hemm *amusement arcade* filwaqt li jkun kontra li jitħalla ħoss amplifikat li jinstema minn barra.

7.3. Sadanittant il-Kumitat iddiskuta l-proposta ta' Wasteserv biex isir l-impjant tat-trattament tad-demel. Fin-nuqqas ta' informazzjoni konkreta l-Kumitat qabel li jitlob lil Wasteserv biex tagħmel konsultazzjoni pubblika dwar dan billi wkoll tispjega x'qed jiġi propost.

## 8. IR-RAPPORT TA' ĦIDMA

8.1. Is-Sur Woods informa li se jiġbor l-informazzjoni għar-rapport ħalli jkun jista' jippreparah.

## 9. ĦWEJJEĠ OĦRA

9.1. Is-Sinj. Maria Vella semmiet li bozza fit-triq tagħha għada ma ssewwitx minkejja li ilha ħafna. Is-SE informa li se jindaga dwarha.

9.2. Is-Sinj. Vella ilmentat ukoll li kull nhar ta' Ħadd kien qiegħed ikun hemm parkeġġ bl-addoċċ fi Triq ir-Ridott fin-naħa ta' Triq il-Kosta. Kien hemm qbil li jintalab li jsir sinjal isfar ħalli ma jipparkjawx.

9.3. Is-Sinj. Vella infurmat ukoll li sid trakk bin-numru HAP463 qiegħed iġib u jniżżel fil-baħar iż-żwiemel. Saret talba biex ikun hemm l-infurzar.

9.4. Issemma wkoll x'qed ikun hemm kull nhar ta' Ħadd kif ukoll it-Tnejn permezz tax-xalati. F'dawn il-jumejn ikun hemm parkeġġ bl-addoċċ anki fit-triq prinċipali inkluż fuq it-*traffic lights.* Intalab li tittieħed azzjoni.

9.5. Il-Kumitat kien infurmat li ċerta Frances Borg minn Triq ir-Ridott għadha qed tipparkja kontra d-direzzjoni.

9.6. Is-Sinj. Muscat infurmat ukoll li qiegħed ikun hemm kjosk tal-imqaret li aktarx kien qiegħed hemm mingħajr il-permessi meħtieġa. Is-SE informa li se jindaga dwaru.

9.7. Is-Sur Bonello informa li kien qiegħed ikun hemm ilma kannella ħiereġ min-naħa tal-Mediterraneo.

9.8. Is-Sur Bonello informa wkoll li l-bozza li kien semma li kienet imdawra kienet għadha ma ġietx irranġata. Is-SE informa li se jindaga dwara u jieħu l-passi neċessarji.

9.9. Iċ-Chairperson infurmat li ċ-Ċentru tal-Patrijiet fejn qed isiru l-attivitajiet tal-Kumitat jinsab maħmuġ u jeħtieġ li jkun imnaddaf. Il-Kumitat talab lis-SE biex iqabbad lil kuntrattur ħalli jagħmel it-tindif meħtieġ.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Kien hemm qbil unanimu li laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju fl-4:00pm.

10.2. Il-laqgħa intemmet fis-5.55pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |